`

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 10 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 39.**

**Citazz. Nru. 1334/00 JRM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Raymond Portelli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn sitt mija u wiehed u ghoxrin liri maltin u erbgha u

sebghin centezmu (LM2,621.74) dovuti **(a)** in kwantu ghal elf mija u erbgha u hamsin liri maltin u tmienja u tmenin centezmu (LM1,154.88) self 'brevi manu' (Flexicard Account number 16 801 0796) rapprezentanti elf u hamsa u tmenin liri maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (LM1,085.27) kapital u disgha u sittin liri maltin u wiehed u sittin centezamu (LM69.61) imghaxijiet sas-6 ta' Marzu 2000) kif jidher mill-prospett hawn esebit bhala Dok. A; **(b)** in kwantu ghal elf erba' mija u tnejn u erbghin liri maltin u disgha u sittin centezmu (LM1,442.69) ghal self 'brevi manu' (Flexicard Account nr. 16 801 3779) rapprezentanti elf, tlett mija u hamsa u hamsin liri maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM1,355.47) kapital u sebgha u tmenin liri maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (LM87.22) imghaxijiet sas-6 ta' Marzu, 2000 kif jidher mill-prospett hawn esebit bhala Dok. B); **(c)** in kwantu ghal erbgha u ghoxrin liri maltin u sbatax-il centezmu (LM24.17) bilanc a debitu dovut fuq 'Savings Account' (Kont nru. 16 433 8983) rapprezentanti tlieta u ghoxrin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM23.21) kapital u erbgha u tmenin centezmu (LM0.84) imghaxijiet sas-6 ta' Marzu, 2000 kif jidher mill-prospett hawn esebit bhala Doc. C), salvi imghaxijiet ulterjuri;

Illi minkejja li gie interpellat ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jissoleva;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u wiehed u ghoxrin liri maltin u erbgha u sebghin centezmu (LM2,621.74) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Marzu, 2000 kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-24 ta' Lulju, 2000 tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'elf erba' mija tnejn u sittin lira maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM1,462.77) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici** limitatament ghas-somma ta’ elf, mija u tmienja u hamsin lira maltin u sebgha u disghin centezmu (LM1,158.97) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## Moqrija

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.
**10, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**10, t'Ottubru, 2000.**